

## III

(Atti adottati skont it-Trattat tal-UE)

## ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TAL-UE

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ BiH/15/2009

tal-11 ta' Novembru 2009

dwar il-ħatra ta' Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bosnja-Herzegovina

(2009/836/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 25 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2004/570/PESK tat-12 ta' Lulju 2004 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bosnja-Herzegovina <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 6 tal-Azzjoni Konġunta 2004/570/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) sabiex jieħu deċiżjonijiet ulterjuri dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE.
- (2) Fil-21 ta' Novembru 2008, il-KPS adotta d-Deċiżjoni BiH/14/2008 <sup>(2)</sup> li taħtar il-Ġeneral Maġġur Stefano CASTAGNOTTO bħala Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bosnja-Herzegovina.
- (3) Il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE rakkomanda l-ħatra tal-Maġġur Ġeneral Bernhard BAIR bħala l-Kmandant tal-Forza l-ġdid tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bosnja-Herzegovina.
- (4) Il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa r-rakkomandazzjoni.
- (5) Skont l-Artikolu 6 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Dani-

marka ma tipparteċipax fl-elaborazzjoni u l-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni Ewropea li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża.

- (6) Il-Kunsill Ewropew ta' Kopenhagen adotta fit-12 u t-13 ta' Diċembru 2002 Dikjarazzjoni li stqarret li l-arranġamenti "Berlin Plus" u l-implimentazzjoni tagħhom ser japplikaw biss lil dawk l-Istati Membri li huma wkoll membri tan-NATO jew partijiet għall-"Partnership for Peace", u li b'konsegwenza kkonkludew ftehim bilaterali ta' sigurtà man-NATO,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ġeneral Maġġur Bernhard BAIR huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bosnja-Herzegovina.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett fl-4 ta' Diċembru 2009.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Novembru 2009.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà**Il-President*

O. SKOOG

<sup>(1)</sup> ĠU L 252, 28.7.2004, p. 10.  
<sup>(2)</sup> ĠU L 319, 29.11.2008, p. 80.